MALTA

# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI  TA' MALTA

## Magistrat Francesco Depasquale

**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Illum l-Hamis, 31 ta' Jannar 2019**

Rikors Numru 14/2016

**Gasan Mamo Insurance Limited (C03143) hekk kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha John Vella (ID 755643M) sija bil-polza u sija bil-ligi, u l-istess John Vella (ID 755643M)**

**vs**

**Drop Chemicals Limited**
**(C-6739)**

Il-Qorti,

**1. Premessi**

1. Rat ir-rikors promotur ippresentat fid-29 ta' Jannar 2016 fejn ir-rikorrenti talbu lill-Qorti tikkundanna lis-socjeta intimata:

   *Thallas lir-rikorrenti is-somma ta' erbat elef u seba' u tmenin Euro u tmienja u ghoxrin Eurocentezmu (4,087.28), liema somma tinkludi l-ammont ta' hamsa u hamsin Euro (€55.00) nhallsa bhala 'Excess' mill-assikurat tas-socjeta' rikorrenti, rapprezentanti danni sofferti mir-rikorrenti in segwitu ta' incident illi sehh fit-12 ta' April 2011, fi Triq il-Birrerija, Qasam Industrijali Mriehel, Birkirkara meta l-fabbrika propjeta' taghkom hadet in-nar u kkawzat danni lill-vettura bin-numru tar-registrazzjoni LOR 085 propjeta ta' l-assikurat tas-socjeta' rikorrenti, u liema vettura kienet regolarment ipparkjata fit-triq meta sehh l-istess incident - u dana bi traskuragni, imperizja u negligenza da parti taghkom.*

*Interpellata sabiex thallas permezz ta' ittra ufficjali datata 25 ta Frar 2014, inti bqajt inadempjenti u ghaldaqstant kellhom jigu istitwiti l-proceduri odjerni.*
*Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali tal-25 ta Frar 2014, u bl-imghaxijiet mill-25 ta Frar 2014 sal-gurnata tal-pagament effettiv kontra s-socjeta intimata, minn issa stess ingunta ghas-subizzjoni.*

2. Rat ir-risposta tas-socjeta intimata ippresentata fit-12 ta' Frar 2016 fejn laqghet ghal dak mitlub billi qajjmet is-segwenti difizi:

   *1. l-azzjoni waqghet bi preskrizzjoni taht l-art. 2153 tal-Kodici Civili.*

   *2. f'kull kaz, u bla hsara ghall-ewwel eccezzjoni, is-socjeta esponenti ma hijiex debitrici tal-atturi skond l-avviz.*

   *Salvi eccezzjonijet ohra.*

3. Rat illi l-ewwel eccezzjoni giet irtirata mis-socjeta intimata fis-27 ta' Gunju 2016

## 2. Provi

1. Rat id-dokumentazzjoni ippresentata mir-rikorrenti fis-26 ta' Frar 2016, ossija ittra Ufficjali 447/14 u 2117/12.

2. Rat l-affidavit ta' **Max Borg Bonello**, Manager fil-Motor Claims Department ta' GasanMamo Insurance Limited, ippresentat fis-26 ta' April 2016 flimkien ma' dokumentazzjoni.

3. Semghet ix-xhieda ta' **WPC 39 Sarah Borg** moghtija fl-1 ta' Dicembru 2016 u rat id-dokumentazzjoni minna prodotta, ossija Rapport tal-Pulizija.

4. Semghet ix-xhieda ta' **Loredana Vella**, li kellha l-pussess tal-vettura LOR 085 dakinhar tal-incident fil-fabbrika tas-socjeta intimata, moghtija fl-1 ta' Dicembru 2016.

5. Semghet ix-xhieda ta' **John Callus**, li ghamel survey fuq il-vettura LOR 085, moghtija fl-1 ta' Dicembru 2016 u rat is-Survey tieghu.

6. Semghet ix-xhieda ta' **PS 772 Dionisius Agius**, in ezami u kontro ezami, moghtija fit-23 ta' Frar 2017.

7. Semghet ix-xhieda ta' **Dr Martin Musumeci**, espert mqabbad fl-Inkjesta dwar l-incident, moghtija fis-26 ta' Gunju 2017, u rat id-dokumentazzjoni minnu ppresentati, ossija r-relazzjoni minnu redatta mal-Inkjesta.

8. Semghet ix-xhieda ta' **Dr Yvette Tonna Borg**, rappresentant tar-Registratur tal-Qorti Civili, moghtija fid-19 ta' Ottubru 2017, u rat is-sentenzi minnha esebiti, lkoll fl-ismjiet ***Elmo Insurance Limtied noe vs Drop Chemicals Limited*** aktar 'l isfel indikati.

9. Semghet ix-xhieda ta' **Anthony Pisani**, Operations Manager fi hdan is-Civil Protection Department, moghtija fid-19 ta' Ottubru 2017 u rat id-dokumentazzjoni minnu esebiti.

10. Rat illi fid-19 ta' Ottubru 2017 is-socjeta rikorrenti iddikjarat illi ma kellhiex aktar provi x'tippresenta.

11. Semghet ix-xhieda ta' **Emanuel Micallef**, rappresentant tas-socjeta intimata, moghtija fit-30 ta' Novembru 2017, u rat id-dokumentazzjoni minnu ppresentata.

12. Rat illi fis-29 ta' Jannar 2018 is-socjeta intimata ippresenta kopja ta' lodo arbitrali fl-ismijiet '***Fogg Insurance Agencies Limtied vs Drop Chemicals Limited***' datat 27 ta' Settembru 2017, Arbitragg Nru 3389/12.

13. Rat illi fis-26 ta' Frar 2018 gew allegati mal-process odjern, l-atti tal-Appell Nru 255/15 fl-ismijet ***Elmo Insurance Limtied noe vs Drop Chemicals Limited*** u Appell Nru 261/15 fl-ismijiet illi ***Elmo Insurance Limtied noe vs Drop Chemicals Limited***.

14. Rat illi fl-14 ta' Marzu 2018, is-socjeta intimata regghet ippresentat l-istess lodo arbitrali Nru 3389/12.

15. Semghet ix-xhieda in kontro ezami ta' Emanuel Micallef moghtija fis-16 ta' April 2018.

16. Rat illi fis-16 ta' April 2018 il-partijiet qabblu illi ma kienx hemm aktar provi x'jippresentaw u ghalhekk il-kawza setghet tithalla ghas-sottomissjonijiet bil-miktub tal-partijiet.

17. Rat is-sottomissjoni bil-miktub tal-abbli difensur tar-rikorrenti ppresentati fil-25 ta' Gunju 2018.

18. Rat is-sottomissjonjiet bil-miktub tal-abbli difensur tas-socjeta intimata ppresentati fl-4 ta' Jannar 2019.

19. Rat illi fl-10 ta' Jannar 2019 il-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum.

## 3. Konstatazzjonijiet fattwali.

1. Jirrizulta, mill-provi presentati, illi l-kaz odjern jirrigwarda talba ghal hlas ta' danni illi s-socjeta rikorrenti, Gasan Mamo Insurance Agency Limtied kellha thallas lill-assikurat taghha John Vella, kif ukoll ghall-hlas tal-Excess illi l-istess John Vella kellu jhallas, liema hlasijiet kollha saru rizultat tad-danni illi l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni LOR 085 sofriet rizultat tan-nirien illi hakmu l-fabbrika tas-socjeta intimata gewwa Triq il-Birrerija, Qasam Industrijali Mriehel, Birkirkara, liema nirien mhux biss iddistrugga l-fabbrika innifisiha, izda kkawza hsarat ingenti f'varji vetturi illi kienu pparkjati lkoll korrettement fi triq pubblika biswit tali fabbrika.

2. Jirrizulta wkoll illi l-meritu ta' tali nirien kien gia is-soggett ta' zewgt decizjonijet ohra, fl-ismijiet ***Elmo Insurance Limited et vs Drop Chemicals Limited***, fl-ewwel istanza moghtija mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar, it-tnejn fis-27 ta' April 2016 u sussegwentement ikkonfermati mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), it-tnejn fl-14 ta' Lulju 2017.

3. Jirrizulta illi, fiz-zewgt istanzi, kemm it-Tribunal ghal Talbiet Zghar kif ukoll il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) wasslu ghall-konkluzjoni illi s-socjeta intimata kellha tinzamm responsabbli ghad-danni kollha illi sofrew is-sidien tal-vetturi li kienu barra fit-triq.

4. Jirrizulta, mill-banda l-ohra, illi fis-27 ta' Settembru 2017, inghatat decizjoni f'Arbitragg Nru 3389/12 fejn, mill-banda l-ohra, is-socjeta intimata ma nstabietx responsabbli tal-hsarat kkawzati.

5. Jirrizulta illi l-unika differenza illi hemm bejn dawna t-tlett kawzi u l-kawza odjerna hija l-vettura illi dwarha qed issir talba ghal risarciment, fejn, fil-kaz odjern, il-vettura Ford Ka, Numru ta' Registrazzjoni LOR 085, liema vettura kienet ipparkjata korrettement fi triq pubblika u grabbet hsarat estensivi rizultat ta' "debris" illi hareg mill-fabbrika u waqa' fuq il-karozza pparkjata.

6. Din il-Qorti, wara illi fliet fir-reqqa mhux biss il-process tal-kawza odjerna w il-provi prodotti, izda wkoll il-process u l-provi prodotti fil-kawzi decizi mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) kif fuq gia indikati, tghid minghajr ma tahli aktar hin, illi taqbel pjenament mal-konkluzjonijiet milhuqa mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) ghal dak illi jirrigwarda responsabblita' tas-socjeta intimata u, ghall kompletezza ta' dina s-sentenza, thoss illi jkun opportun illi tirriproduci xi kummenti u konkluzjonjiet illi ghamlet il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fejn jirrigwarda r-ragunjiet ghala s-socjeta intimata ghandha tinzamm responsabbli u li maghhom dina l-Qorti taqbel pjenament.

7. Jirrizulta, di fatti, illi l-Qorti tal-Appell, fiz-zewgt kawzi, qalet dan:

    i. *In-nar beda minn gewwa l-fabbrika u ovvjament ma bediex mix-xejn. Fabbrika li kienet fil-kustodja tal-konvenuta.*

    ii. *Martin Musumeci qal li mhemmx indikazzjonijiet cari ta' x'wassal biex sehh l-incendju. Zied li biex sehh l-incendju kien hemm fl-istess hin: (a) materjal kombustibbli; (b) ossigenu; u (c) temperatura gholja.*

    iii. *Hu evidenti li fil-fabbrika kien hemm hafna materjal kombustibbli, li jfisser li jekk jibda nar, facilment jinfirex. Fil-fatt hekk jidher li gara. Sahansitra, skont ma xehed Anthony Pisani, ufficjal ta' Civil Protection Department, damu erbgha u ghoxrin siegha biex tfewh.*

    iv. *Mhemm l-ebda indikazzjoni li n-nirien bdew b'rizultat ta' agir doluz. Hu f'dan is-sens li l-qorti tifhem l-uzu tal-kelma 'accidentali' minn Martin Musumeci, li nhatar bhala espert fl-inkjesta magisterjali (ara deposizzjoni ta' Martin Musumeci fit-Tribunal). Fil-fatt it-Tribunal qal: "Illi mill-provi li ghandu quddiemu t-Tribunal, partikolarment minn dak li stqarr Martin Musumeci, jidher li l-hruq ma kienx frott intervent uman".*

    v. *L-appellanti ddefendiet ruhha billi nvokat il-kaz fortuwitu. Mhemmx dubju li n-nirien bdew fil-fabbrika tal-konvenuta. L-oneru tal-prova kien fuq il-konvenuta. Il-fatt li jidher li mhuwiex maghruf x'kien is-sors tan- nar, ma jwassallx li l-incident kien kaz fortuwitu. Sabiex tirnexxi difiza bhal dik, l-appellanti kellha l-oneru taghti prova ta' kif beda n-nirien. Kaz fortuwitu jsehh per ezempju minn forza tan-natura jew minn fatt tal-bniedem li ma jkun l-imharrek. Hekk per ezempju mhemmx prova li dak li gara kien minhabba forza tan-natura jew l-agir ta' terza persuna li ma kellhiex konnessjoni mal-fabbrika tal-konvenuta. Gialadarba mhemmx provi li n-nirien ma kinux jiddependu mill-fatt tal-konvenuta (Kurunell Hugh P. Raymond vs Negozjant Manwel Busuttil, deciza mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta' Novembru, 1942), id-difiza tal-kaz fortuwitu ma setat qatt tirnexxi. Biex tigi ezentata mir-responsabbilta minhabba kaz fortuwitu,*

*is-socjeta konvenuta kellha l-obbligu li tindividwa pozittivament fattur estern kapaci li jipproduci l-eventus damni. Dan m'ghamlitux. Il-qorti zzid li wara li qrat l-atti tasal biex tghid li mhemmx provi sodisfacenti li dak li gara kien minhabba event imprevedibbli u inevitabbli, li ghalih huwa impossibbli li wiehed jirrezisti.*

8. Jirrizulta illi, dwar prevenzjoni illi s-socjeta intimata hadet ghal nirien fil-fabbrika taghha, l-Qorti tal-Appell tghid is-segwenti:

ix. *Ma jirrizultax li l-fabbrika kellha nstallat sprinkler system ghallinqas f'dawk iz-zoni tal-fabbrika li kienu high risk u li jidher li kien hemm diversi minnhom. Inoltre, irrizulta li fil-post ma kienx hemm sistema ta' fire hydrants. Emanuel Micallef xehed li kien wara l-incident li nstalla fire hydrant. Il-qorti mhi konvinta xejn li mehud in konsiderazzjoni li l- fabbrika kien fiha hafna materjal kombustibbli, irrispetat il-mizuri kawtelatorji kollha li kien hemm bzonn fil-gestjoni tal-fabbrika.*

9. Jirrizulta illi l-provi prodotti quddiem dina l-Qorti huma pratikament l-istess ghal dawk ppresentati quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar fiz-zewgt kawzi fuq imsemmija, ghajr ghal dak illi jirrigwarda l-vettura involuta kif ukoll id-danni sofferti minn tali vettura.

10. Jirrizulta, ghalhekk, illi abbazi ta' tali provi, kif ippresentati quddiem dina l-Qorti, u kif gia ippresentati f'zewgt kawzi quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar fuq vetturi ohra u kkonfermat mill-Qorti tal-Appell, dina l-Qorti ma ghandha ebda dubju illi gie ippruvat li s-socjeta intimata hija responsabbli ghall-hsarat kollha kkawzati lill terzi rizultat tan-nirien illi hakmu l-fabbrika taghha fit-12 ta' April 2011.

## 4. Konsiderazzjoni dwar danni

1. Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi John Vella huwa propretarju tal-vettura Ford Ka tas-sena 2009, bin-numru ta' registrazzjoni LOR 085 illi tinstaq u tintuza mit-tifla tieghu Loredana Vella u li kienet ipparkjata biswit il-fabbrika tas-socjeta intimata gewwa l-Imriehel meta dina hadet in-nar.

2. Jirrizulta, skond is-surveyor tas-socjeta rikorrent, ossija John Calus, illi l-hsarat fil-vettura LOR 085 kienu deskritt bhala "extensive (heavy)" u kienu jinvolvu pratikament id-dawra tal-vettura kollh. (fol 80)

3. Jirrizulta, skond ix-xhieda tal-Claims Manager tas-socjeta rikorrenti, Max Borg Bonello, illi l-hsarat minnhom pretizi huma s-segwenti:

| | |
|---|---|
| • Survey Fee: | € 27.49 |
| • Repairs: | € 3,824.91 |
| • Loss of Use: | € 165 |
| • Copy of Magisterial Inquiry | € 62.89 |
| • Copy of Police Report | € 6.99 |
| TOTAL | € 4,087.28 |

4. Jirrizulta illi ghalkemm Max Borg Bonnelo jidher illi indika ukoll €55 bhala excess fil-lista minnu pprovduta (fol 16), tali excess ghandu jitqies li huwa inkluz fl-ammont ta' "repairs" imhallsa mis-socjeta rikorrenti.

5. Jirrizulta illi ma kien hemm ebda kontestazzjoni dwar id-danni sofferti u ghalhekk l-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex ma ghandhiex taccettahom bhala veritjeri u, ghalhekk ben ippruvati fl-ammont ta' erbat elef, sebgha u tmenin euro u tmienja u ghoxrin centezmu (€4,087.28).

## 5. Konkluzjoni

Il-Qorti,

Wara illi rat il-provi kollha prodotta quddiemha,

Wara illi rat is-sottomissjonijiet ta' l-abbli difensur tal-partijiet

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tastejni** milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel eccezzjoni stante illi giet irtirata mis-socjeta initmata fis-27 ta' Gunju 2016.

**Tichad** it-tieni eccezzjoni tas-socjeta l-intimata, u ghalhekk

**Tilqa** t-talba attrici, u

**Tikkundanna** lis-socjeta intimata Drop Chemicals Limited thallas lir-rikorrenti Gasan Mamo Insurance Limited u John Vella is-somma ta' **erbat elef u seba' u tmenin Euro u tmienja u ghoxrin Eurocentezmu (4,087.28)**, kif ahjar deskritta fir-rikors promotur.

**Spejjez** kollha tal-proceduri odjerni u **Imghax** kalkolabbli mit 25 ta Frar 2014 , kif mitlub, ossija d-data tal-Ittra Ufficjali Nru 477/14 (fol 9), sad-data tal-pagament effettiv, ikunu a kariku tas-socjeta intimata.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Rita Sciberras**
Deputat Registratur